REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1228/2013

tat-28 ta' Novembru 2013

dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ma' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi fuqu, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Unjoni, bl-għan tal-applikazzjoni tat-tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-prodotti.

(3) Skont dawk ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jiġi pprovdut li informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa fir-rigward tal-prodotti kkonċernati minn dan ir-Regolament li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament tista', għal ċertu perjodu, tibqa' tiġi invokata mid-detentur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 [2]. Dan il-perjodu għandu jkun ta' tliet xhur.

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ħariġx opinjoni fil-limitu ta' żmien stipulat mill-President tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi tan-NM indikati fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni tariffarja vinkolanti li ma tkunx tikkonforma ma' dan ir-Regolament tista' tibqa' tiġi invokata skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi-Brussell, it-28 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,
Algirdas ŠEMETA
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1):

ANNESS

Deskrizzjoni tal-prodotti	Klassifikazzjoni (Kodiċi-NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
Il-prodott huwa forma ta' kaxxa rettangolari magħmula minn kartun solidu b'wiċċ estern ta' folji tal-plastik mhux aktar minn nofs il-ħxuna totali. Il-kaxxa hija mibnija bħal kaxxetta li għandha kexxun uniku li joħroġ 'il barra minn ġewwa l-kaxxa u li huwa mfassal biex juri flixkun meta tinfetaħ il-kaxxa. Il-kexxun huwa magħmul biex iżomm flixkun tal-inbid ta' dimensjonijiet speċifiċi. Fuq in-naħa ta' ġewwa tal-kexxun hemm buttuna ċirkolari mwaħħla ma' ħajt wieħed u struttura f'forma ta' ċurkett imwaħħla mal-ħajt ta' faċċata. L-istruttura f'forma ta' ċurkett hija mfassla biex tagħlaq il-parti ta' fuq tal-flixkun u l-buttuna ċirkolari biex titwaħħal fil-parti l-vojta fil-qiegħ tal-flixkun. Barra minn hekk, ġewwa l-kexxun hemm but żgħir tal-kartonċin imwaħħal mal-ħajt tal-ġenb biex iżżomm fuljett. (*)	4202 92 19	Il-klassifikazzjoni hija ddeterminata mir-Regoli Ġenerali 1, u 6 għall-interpretazzjoni tan-nota 2(h) għall-Kapitolu 48 tan-Nomenklatura Magħquda u l-kliem tal-kodiċijiet NM 4202, 4202 92 u 4202 92 19. Il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 4819 bħala kaxxa tal-kartun hija eskluża, minħabba li l-oġġett mhuwiex biss sempliċi kaxxa tal-kartun ta' dik l-intestatura iżda, minħabba d-disinn tiegħu, is-soliditá tiegħu, il-folji tal-plastik u l-istruttura interna biex takkomoda flixkun ta' dimensjonijiet speċifiċi, huwa rikonoxxibbli bħala bottle-case tal-kartun u folji tal-plastik, koperti mit-tieni parti tat-test tal-intestatura 4202.. Għaldaqstant l-oġġett għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 4202 92 19 bħala "bottle-case".

(*) Ir-ritratt huwa għal skopijiet ta' tagħrif biss.

